MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2003

Numru 541/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**vs**
**Joseph Quattromani**

**Seduta tal-lum 04 ta' Novembru, 2003.**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Joseph Quattromani ta' 60 sena, iben Giuseppe u Carmeloa *nee'* Frendo, imwieled Dingli, fit-28 ta' Jannar, 1942, residenti 19, Triq Cali, Mosta, detentur tal-karta tal-identita' numru 141142M;

Talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xhur qabel l-24 t'April, 2000, bhala detentur jew amministratur ta' bini taht kostruzzjoni fi Triq l-Iskuna, Qawra, b'diversi azzjonijiet maghmulin fi

zminijiet differenti I li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, pero b’rizoluzzjoni wahda, ikkommettejt serq ta’ kwantita’ ta’ ilma, ghad-danu tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, u ammont, liem ammont ma jaccediex il-hames mitt lira Maltin (Lm500).

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tapplika l-artikolu 533(1) tal-Kodici Kriminali, Kap 9.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali skond l-Artikolu 370 (4) sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bi procedura sommarja u n-nuqqas ta’ oggezzjoni ta’ ;l-imputat ghall-istess procedura.

Semghet l-provi.

Ikkunsidrat illi mill-provi migjuba, anke mid-dispozizzjoni tal-imputat, jirrizulta illi l-imputat huwa propretarju tal-blokk appartamenti u li kien applika biex taht kostruzzjoni jinstalla s-servizz ta’ l-ilma fihom. Peress illi d-Dipartiment ta’ l-ilma kien dam bien jinstalla s-servizz, l-imputat zamm il-meters taht il-kustodja tieghu biex ma jinsterqux peress illi l-appartamenti ma kienux kompluti. Is-servizz ma setax ikun stallat ghaliex ma kienx hemm main ta’ l-ilma ghaddej mit-triq. Maz-zmien ghadda l-main tal-ilma izda minkejja dan, xorta ma kienx hemm servizz bejn il-main u l-appartamenti individwali.

Il-Qorti hi sodisfatta li ma sar xejn irregolari, ghalhekk ma ssibux hati u tilliberrah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------